# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru għaxra (10) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tlieta 19 t' April, 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| | Eddie Bonello | Kunsillier- Skuzat |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduti preċedenti (nos. 7, 8 u 9), dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Is-Sindku qal li reġa tkellem mal-Vodafone dwar il-plakka u huma aċċettaw li aħna nagħmlu l-wording tagħna u ngħidu li l-premju ġie sponsorjat mingħand il-kumpanija imsemmija.

4. Twaqqfet il-laqgħa għax waslu r-rapprezzentati tal GAL Xlokk. Dawn kienu s-sur Joe Attard (Chairperson) u s-sur Silvio Schembri (Manager) li ġew biex jagħtu informazzjoni dwar il-proġett tagħhom u kif il-Kunsill u organizzazzjonijiet oħrajn jistgħu jibeniffikaw. Is-sinjuri waslu fil-5.50pm.

5. Is-sur Joe Attard beda jispjega kif taħdem il-GAL Xlokk. Hu qal li l-Gvern irid jagħti 4% tal-baġit tal-agrikultura lil dawn it-tlett gruppi li għandna f'Malta u Għawdex (GAL Xlokk tikkonsisti ta 1 minn dawn it-tlett gruppi). Kull Gal dis-sena se jkollu baġit ta' madwar €3 miljun. Aħna naqaw taħt il-GAL Xlokk u jixtieq li nidħlu biex nifformaw parti mill-grupp. Qal ukoll li xtaq li dħalna tlett snin ilu meta għamlu l-ewwel avvanzi biex jibdew il-proġett imma s-Sindku qal li dawk iz-zminijiet kienu diffiċċli fil-Kunsill minħabba l-kwistjoni li kelna mas-Segretarju Eżekuttiv f'dak il-ħin, u b'hekk ma kellux il-ħin u ħsibijiet biex jidħol. Issa la hlisna minn dawk il-problemi u peress li l-GAL Xlokk ġie rikonnoxxat uffiċjalment il-membri tal-Kunsill u tal-GAL iddeċċidew li l-ħin hu tajjeb biex jibdew jidiskutu.

6. Il-Kunsill għandu jħallas €5000 biex ikun membru fil- GAL Xlokk.

7. Is-sur Schembri qal li bil GAL Xlokk il-Kunsill jista jitlob għal fondi għal NGO's peress li issa aħna ma nistgħux intuhom donazzjonijiet. Wera wkoll rapport detaljat fuq il-proġett u kif nistgħu nibbennifikaw. Il-Gal Xlokk u il-Kunsill dejjem jaħdmu id f'id u aħna għandna nitolbu għal għajnuna għalina stess, waqt li nistgħu ntuhom detalji dwar NGO's li jagħmlu talba għal għajnuna mill-GAL.

8. Is-Sindku saqsa kemm it-talba nistgħu nagħmlu. Ir-risposta kinet li m'hemmx amont. Is-sur Attard qal li għandhom baġit sa 2013 waqt li s-sur Schembri qal li s'issa hemm passo positiva sabiex dawk il-4% li nirċievu mill-allokazzjoni tal-agrikultura titla fil-futur. Qal ukoll ili qabel kull azzjoni li jieħdu se jċemplu lil Kunsill ħalli jagħtu l-gwidi.

9. Id-Deputtat Segretarju Eżekuttiv saqsa jekk inkolna nħallsu xi ħaġ'oħra barra dawk il-ħames t'elef f'dawn il-ħames snin li ġejjin waqt li s-sur Schembri qal li sa l-aħħar ta'dan il-programm, f'2015, mhux se jkun hemm spejjez oħra mill-Kunsilli.

10. Is-Sindku saqsa x'iridu nagħmlu biex nidħlu? Is-sur Joe Attard qal li nistgħu niddiskutu jekk nixtiequ napplikaw u nħallsu l-membership ħalli nieħdu l-passi minn hemm.

11. Intemmet id-diskussjoni mas-sur Attard u s-sur Schembri u wara li l-kunsilliera u r-rapprezentanti iringrazzjaw lil xulxin, is-sinjuri telqu għas-6.20pm.

12. Fis-6.20pm wasal il-Perit Anthony Bezzina biex jidiskutti l-avanzi tal-proġetti tal-Kunsill.

13. Il-Perit ħareġ il-pjantijiet tal-ġnien ta' Ball, proġett minn fejn nistgħu napplikaw għal fondi mingħand GAL Xlokk.

14. Il-Perit qal ukoll li hemm xi fondi li għandna għalfejn napplikaw għalihom sempliċitament minħabba l-fatt li għadna ma użajniex dawn il-fondi għar-reġjun, waqt li l-irħula ta' madwarna għamlu użu minnhom u b'hekk għandna opportunita tajba biex nieħdu xi haġa.

15. Il-Perit qaleb is-suġġett għax-shelters ta' taħt il-pjazza. Il-Perit qal li hemm erba' daħliet għal dawn ix-shelters imma waħda minnhom qegħda taħt id-djar u fuq din se nkollna problema.

16. Il-Perit resaq l-idejjat tiegħu għal-proġett kreativ għax-shelters. Irid jara issa jekk dawn l-idejjat m'humiex possibli.

17. Jerome Busuttil saqsa lil Perit jekk hemm xi formoli li għandna nagħtu għall-proġett dwar il-planċier tal-banda ta' San Pawl li qed isir ġdid. Il-Perit qal li l-aħjar haġa li nistgħu nagħmlu hu biex inċemplu lil Maria Farrugia ta' MEUSAC. Is-Segretarju se jieħu ħsieb dan.

18. Id-diskussjoni mal-Perit ntemmet ma dan il-punt u l-kunsilliera rringrazzjawħ tax-xogħol qabel ma telaq fis-7.10pm. Għandna niltaqaw malajr biex inkomplu ndiskutu l-proġetti.

19. Is-Sindku nforma li kiteb ittra lil BOV fejn talab kumpens għall-kont tal-ATM.

20. Il-kunsilliera ivutaw, u qablu unaniment, ili nidħlu ġol GAL Xlokk. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lis-sur Schembri (Manager).

21. Il-kumpanija Stirling Security talbu żieda ta' €1 fis-siegħa għal kull gwardjan, u €2 iżjed minn Ġunju, wara li ffirmaw 'collective agreement' mal-General Workers Union. Il-Kunsill ma qabilx mat-talba.

22. Il-kunsilliera u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv lestew l-iskeda li jixtiequ għal gwardjani għas-sistema ġdida li se jintuża minn Ġunju. Id- Deputat Segretarju għandu jibgħat dal-Memo sad-29 t'April lis-sur Anthony Borg Cardona.

**Korrispondenza**

23. Il- Kunsill irċieva talba mingħand is-sur Alexis Callus fejn qal li ġej kor Svediż fit-2 ta Ġunju għal kunċert ġol knisja ta' Safi u jixtieq li l-Kunsill iħallas it-transport għas-57 ruħ minn Tas-Sliema. Il-kunsilliera qablu li jużaw lil Żużu Transport għax kien l-irħas li kien hemm.

24. Is-sinjura Stepahnie Fenech għamlet żewġ talbiet f'isem il-Kunsill Lokali taz-Zgħazagħ Ħal-Safi. L-ewwel nett qalet li nhar it-Tnejn 25 t'April fl-4pm jixtiequ jużaw il-pitch għal-logħba ta' ħbiberija mal-Kunsill Lokali taz-Zgħazagħ ta' Ħal Kirkop bl-intenzjoni biex il-gruppi jitħalltu flimkien. Il-kunsilliera, wara li ċċekjaw li m'hemmx 'booking' dak il-ħin, aċċettaw li jieħdu il-grawnd bla ħlas bejn l-4 u l-5. Qalet ukoll li qegħdin jipjanaw treasure hunt xi daqrba matul il-weekend (għadhom iridu jikkunfermaw il-ġurnata) ma zgħazagħ ta lokalitajiet oħra. Tixtieq li huma jħalsu €1 u jingħatu premijiet fl-aħħar. Is-sinjura Fenech qalet li tixtieq li jħalsu sabiex l-attivita tkun waħda 'self-sustainable' u biex iz-zgħazagħ jippratikaw dan il-metodu li tiffinanzja attivita fil-prattika. Hi se tibgħat poster li qegħdin ilestu huma sabiex aħna ngħinu biex nagħtu l-informazzjoni lin-nies.

25. Il-Kunsill irċieva email mingħand is-sinjura Erika Borġ biex tavza li hi tagħti informazzjoni, u tikkonsulta, fuq funding. Il-Kunsill jixtiequ jirringrazjaw lil Mrs Borg għall-istħarriġ imma peress li aħna diġa nuzaw lil MEUSAC għal dawn l-affarijiet, illum m'għandniex bżonn is-servizzi tagħha.

26. Is-surmast Raymond Portelli (tal-kulleġġ San Benedittu ta' Ħal Kirkop) jixtieq li nxandru informazzjoni dwar 'Festa Komunita u Kultura Maltija' li hemm fl-iskola fil-tlettax ta' Mejju. Il-Kunsill aċċetta ir-rikwest, u l-poplu jista jara l-informazzjoni fuq in-noticeboard tal-Kunsill fil-ġranet li ġejjin.

27. Brian Cardona t'Electro Waste Malta ltd kiteb ċirkulari biex jintroduċi l-kumpanija u s-servizz li jagħmlu biex inaqqsu il-problemi ta' l-iskart magħżul. Il-kunsilliera jixtiequ jiltaqaw miegħu xi darba fil-futur biex nisimaw dak li għandu joffri.

28. Is-sur Aldo Cutajar (Senior Principal Officer [Devolutions] tal-GPD) jixtieq informazzjoni dwar il-kuntratt li aħna għandna mal-BOV dwar l-ATM li hemm mal-bini tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jagħti dan l-informazzjoni malajr.

29. Is-sinjura Roberta Baldacchino tixtieq tagħmel party ġos-sala tal-Kunsill fit-22 t'Ottubru. Il-kunsilliera ma setgħux jaċċettaw din it-talba għax għamlu regola tlett snin ilu fejn qalu li s-sala ma tinkera lil ħadd għal okkazzjonijiet privati.

30. L-Inland Revenue bagħtu invoice għal amont ta' flus li għandna nħallsu bħala penalties bejn 1999-2007 mingħajr ma qalu għal xiex inhuma dawn il-penalties. Il-kunsilliera qablu li jekk għandna nħallsu malajr nagħmlu hekk, imma jixtiequ jkunu jafu eżatt minn fejn ġejjin dawn il-penalties l-ewwel.

31. Is- Sur Joe Sacco talab li juża l-pitch għal sitt sigħat fil-ġimgħa għal tlett xhur fis-sajf. Il-kunsilliera qablu li jagħmel użu tal-ground imma ħa jkolu jibukja minn qabel u iżomm mal-ħinijiet tiegħu. Ħa nżommu mal-policy tal-Kunsill li għal kull għaxar sigħat li jagħmel jieħu siegħa b'xejn, imma fl-istess ħin jekk ma jagħmilx użu tal-ground fil-ħinijiet miftehmin hu jkollu jħallas għal kiri tal-ground.

**Ħwejjeġ oħra**

32. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheets nos 9

33. Il-kunsilliera qablu li se jħalsu lil dawk li ħadmu waqt l-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi.

34. Il-Kunsilliera qablu li noħorġu avviżż li l-Kunsill se jibda jaċċetta kontijiet tat-telephone mingħand il-poplu wara li ġew assigurati li mhux se jkun hemm iżjed ilmenti minn naħa tal-Go.

35. Il-kunsilliera qablu li għandna nibagħtu ċertifikat lit-tfal li ħadu sehem fl-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi bħala rikonoximent tax-xogħol li għamlu u bħala rringrazjament tal-ispettaklu li offrew bit-talenti tagħhom.

36. Il-kunsilliera jixtiequ jiltaqaw mal-Perit ħalli jispjega dak li qalu Transport Malta dwar il-proposti li jixtiequ jagħmlu ġot-toroq tar-raħal għax hemm affarijiet li ma jistawx jifhmu minn naħa ta Trnasport Malta.

37. Il-Viċi Sindku Publius Abdilla qal li saqsa lil Dorienne Zammit Briffa jekk tkun interessata li tagħmel story-telling lit-tfal imma qal li avolja hi mhix kontra l-ideja, taħseb li aħjar infittxu xi ħadd ieħor peress li hi dejjem ħadmet fuq ix-xjenzi u mhux lingwi. Is-sur Abdilla qal li ġa qal lil persuna oħra imma li talbet €10 fis-siegħa. Ħa nagħmlu din il-kwistjoni fuq l-aġenda li jmiss.

38. Is-sur Abdilla qal li għandna niktbu lil Head tal-iskola biex nibdew nifthemu u nippjanaw għal Skola Sajf. Ħa nkolna bżonn xi erba' klassijiet. Se ssir fil-bidu ta' Lulju.

39. Is-sur Abdilla saqsa lid-Deputat Segretarju biex ifittex kumpanija tal-enerġija solari li jista jagħmel bozza quddiem statwa.

40. Il-Viċi Sindku, is-sur Abdilla qal ukoll li għandna nibdew naħsbu dwar il-messaġi tagħna għal fuljett tal-Kunsill.

41. Is-sur Abdilla qal li għandna bżonn nirrestawraw il-kaxxa tat-telefon ta' fejn l-għassa.

42. Is-sur Jeroma Busuttil qal li hemm ċertu postijiet [f'triq il-Kuċċard u triq il-Puniċi] li jegħreq meta tagħmel ix-xita u li għandna bżonn nirranġaw qabel ix-xitwa.

43. Is-Sindku qal li qed jirċievi ħafna talbiet għal 'badges'. Hemm minn hu lest li jagħmel amont għalina u għalhekk hu, bil-permess tal-kunsilliera, jixtieq li nagħmluhom. Il-kunsilliera qablu.

44. Is-Sindku qal ukoll li ġie xi ħadd biex jistaqsi jekk jistax jitneħa parti mid-double yellow line li hemm ġo triq San Ġorġ u biex nagħmlu parking minflok. Is-sur Abdilla oġġezzjona għax qal li sinjura ilmentat li hemm minn xorta jipparkja fid-double yellow biex joqogħdu ġol karozza bil-mużika għaddej u b'hekk hi ma tkunx tista torqod. Is-sur Busuttil ikonferma li sema l-istess ħaġa minn din is-sinjura. B'hekk qablu li avolja hemm problema ta parking fit-triq, aħjar ma jagħmlu xejn. Minflok idiskuttew il-possibilita li jagħmlu sinjal 'SLOW' jew sleeping policeman. Is-sur Abdilla qal li sleeping policeman xorta jagħmlu ħafna ħsejjes u b'hekk jaħseb li hemm iżjed sens bl-ideja tas-sinjal. Il-kunsilliera se jitilaw sal-post u jaraw x'jista jsir.

45. Is-sur Francis Callus xtaq ikun jaf jekk meta nħalsu lil Dempsey Garage għad Day Centre, jekk inkunu qegħdin inħalsu għall-vjaġġ jew għall-amont ta nies għalhix hu kien bil ħsieb li dejjem kien

għall-vjaġġ imma li tad-Day Centre qegħdin jistaqsu għal iżjed flus meta jmorru nies extra li huma membri tac-Centre. Għalhekk jibza li hemm l-abuzz fic-Centre. Is-Sindku qal li jekk dawn l-affarijiet qegħdin isiru se jara li jirranġawhom issa. L-ewwel għandna niċċekjaw biċ-ċert jekk inħalsu għall-vjaġġ jew għall-amont ta' persuni qabel ma nieħdu pass ieħor.

46. Il-laqgħa intemmet fit-9.30pm.

Approvati llum    10/05/2011

Sindku    Deputat Segretarju Eżekuttiv